MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 381/1995/1

**Joseph Spiteri**

**vs**

**Carmen Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg taghhom fit-8 ta' Settembru 1984 fil-Bazilika Tas-S.S. Madonna tal-

Karmnu, il-Belt Valletta, u dan kif jirrizulta mill-anness Certifikat ta’ Zwieg, ezibit u immarkat bhala DOK A; illi dan iz-zwieg hekk celebrat bejniethom [h]u null u minghajr effett fil-Ligi peress illi il-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja taghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; illi ulterjorment, dan l-istess zwieg hu null u bla effett fil-Ligi peress illi tezisti impotenza assoluta da parti tal-attur, u jidher li dan l-istat ta’ fatt kien jissussisti minn qabel iz-zwieg; illi, ulterjorment dan l-istess zwieg hu null u bla effett fil-Ligi peress illi il-kunsens tal-konvenuta inghata b’eskluzjoni ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; talab ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-8 ta’ Settembru 1984, fil-Bazilika tas-S.S. Madonna tal-Karmnu, il-Belt, huwa null u bla effett fil-Ligi minhabba r-ragunijiet fuq premessi; bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi hija tichad illi iz-zwieg huwa null minhabba xi difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew xi anomalija psikologika li taghmilha impossibbli ghal xi parti li taqdi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg. Sa fejn taf hi, kellha perijodu ta’ gherusija normali, u z-zwieg ma sarx b’xi ghagla, jew bilfors, jew taht l-influwenza ta’ xi kondizzjoni mentali jew psikologika li setghet tkun ta’ vizzju tal-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet;

2. Illi mhux veru li l-attur kien, jew huwa impotenti, sew qabel jew wara z-zwieg; il-fatt huwa li l-attur huwa sterili, izda kien kapaci jasal ghall-att komplet taz-zwieg, kemm qabel kemm wara z-zwieg;

3. Illi huwa vivament kontestat illi l-eccipjenti b’xi mod eskludiet xi element essenzjali taz-zwieg;

4. Ghalhekk ma jezistux ragunijiet il ghala ghandha tintlaqa’ it-talba attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tad-disgha (9) ta’ Dicembru, 2002 illi permezz taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Il-perit legali f’din il-kawza titlaq mill-premessa illi l-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta’ ordni pubbliku. Ghall-korrettezza dan il-kuntratt, konsiderat mill-punto di vista civili, kif hekk ghandu jsir fuq l-istregwa tas-sentenza in re **Carmel Farrugia - vs - Pauline Farrugia**, Appell Civili, 28 ta’ Lulju 1987, hu kuntratt bhal kull kuntratt iehor, anke jekk ta’ natura partikolari mill-importanza tieghu socjali. U bhal kull kuntratt iehor il-manteniment fis-sehh tieghu hu ta’ interess generali billi hu principju ta’ ordni pubbliku li jkun hekk gjaladarba ‘hu rikonoxxut bhala l-fondament li jikkreja n-nukleju familjari li fuqu s-socjetà hi komposta u organizzata’ (**Josette Spiteri - vs - George Spiteri**, Appell, 9 ta’ Frar, 2001);

“Gie imbaghad kawtelat illi din il-konsiderazzjoni ‘*impone che nella causa d’impugnazione di un contratto per vizio di consenso si procede colla massima circospezione perchè non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigore*’ (**Vol. XXIV P I p 203**);

“Mill-qari tar-rapport tal-perit legali huwa proprju dan li ghamlet ir-relatrici tieghu, anke jekk f’dan l-ezercizzju kienet konfrontata fi kliemha stess minn provi ‘konfliggenti’ u ‘dijametrikament opposti’;

“Kwantu ghall-aspett ta’ konflittwalità gie enuncjat li ‘mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lil Qorti f’dak l-istat ta’ perplessità li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola *in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina

jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.' - **Carmelo Farrugia - vs - Rokku Farrugia**, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966;

"Kwantu ghall-aspett ta' zewg verzjonijiet dijametrikament konfliggenti hi gurisprudenza pacifika illi dan ghandu jiffavorixxi lill-konvenuta in kwantu kien l-attur li kellu l-obbligu li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Dan fuq l-iskorta tal-massima maghrufa '*actor non probante, reus absolvitur*' - **George Mifsud noe - vs - Philip Micallef**, Appell, Sede Inferjuri, 1 ta' Lulju 1997; **Gemma Cassar Saetta - vs - Imco Distributors Ltd**, Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999;

"Jirrizulta mill-iskrutinju minizzjuz li ghamlet f'dan il-kaz il-perit legali illi l-attur ma lahaqx sufficjentement dak il-grad ta' prova li seta' jinduci fiha dak li fid-duttrina u l-gurisprudenza jinsab deskritt u maghruf bhala 'certezza morali'. Certezza morali li hi l-effett tal-*balance of probabilities*. Ara **Eucharisto Zammit - vs - Eustachio Petrococchino noe**, Appell Civili, 25 ta' Frar 1952; **Carmela Borg - vs - Manager tal-Intrapriza tal-Halib**, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Hugh Harding, 17 ta' Lulju 1981 u **Paul Vassallo et - vs - Carmelo Pace**, Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986;

"Huwa indubitat illi l-ligi specjali taz-zwieg tinponi kriterji specifici fir-rigward tal-validità o meno tal-kunsens taz-zwieg. Dawn huma prefissi mill-Att fl-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255. Oltre s-sitwazzjoni kontemplata fis-subinciz (e) - dik relattiva ghall-impotenza - l-attur jiffonda l-azzjoni tieghu ghan-nullità taz-zwieg, kwantu jikkoncerna l-kunsens, fuq il-premessi tas-subinciz (d) u (f) ta' l-Artikolu precitat;

"Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi u bhall-perit legali hi ta' l-opinjoni illi l-attur ma rnexxielux jikkonduciha,

b'mod konvincenti u konkluziv, biex tkun akkolta t-talba tieghu;

"Il-provi li fuqhom qed jistrih l-attur mhux biss huma preponderantement kuntrastati mill-konvenuta imma ukoll ghax minnhom ma jirrizulta xejn la fil-konfront tieghu u lanqas fil-konfront ta' martu, li mqarr jista' jindika difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali jew xi anomalija psikologika serja, hekk skartata mill-perit psikjatriku (fol. 115), fil-mument krucjali ta' l-ghoti tal-kunsens li kienet taghmilha impossibbli li parti jew ohra taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Ara decizjonijiet fl-ismijiet **Seline Marie Vella Haber - vs - Joseph Gatt**, Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' April 1996 u **Alessandra sive Sandra McMonagle qabel Mamo - vs - Mario Mamo**, Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Ottubru 2000;

"Jirrizulta inkontestat illi l-kontendenti kienu jinhabbu qabel iz-zwieg. L-akkuzi reciproci illi minn banda l-konvenuta kienet ossessjonata fix-xewqa taghha li jkollha t-tfal - hsieb dan ukoll elokwenti u essenzjali tal-hajja mizzewga - u minn naha l-ohra li l-attur kellu l-vizzju tax-xorb ma gewx pruvati li kienu jippre-ezistu qabel iz-zwieg. Iz-zwieg tahhom kien att liberu u volut u mill-provi certament ma jistax jitnissel xi dubju illi l-kunsens kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu biex jista' jinghad b'konvinzjoni dak li fid-duttrina guridika fuq is-simulazzjoni jinsab kompress fl-aforisma *colorem habens, substantiam vero nullam*. Mil-lat tad-difett tal-kunsens matrimonjali li ggib is-simulazzjoni tista' ssir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Alfred Tonna - vs - Maria Tonna**, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Vincent Degaetano, 31 ta' Jannar 1996;

"Mill-kumpless tal-provi ma jirrizultax illi l-kontendenti eskludew il-komunjoni ta' hajja bejniethom jew li ma jaghtux it-totalità taghhom infushom lil xulxin. Zgur imbaghad li ma jistax jinghad li l-attur immotiva dak minnu attribwit u premess illi l-kunsens tal-konvenuta nghata b'eskluzjoni ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Dan ghar-raguni illi anke meta fl-ewwel

zminijiet taz-zwieg il-konvenuta kellha xjenza pjena li zewgha kien sterili hi ma ghazlitx it-triq, allavolja giet akkuzata b'ossessjoni, illi tallontana ruhha mid-dar matrimonjali u tfittex rifugju band'ohra biex tissodisfa din l-istess 'ossessjoni'. Il-fatt li insistiet aktar ghal kumpanija ta' zewgha hu manisfestazzjoni cara li hi riedet tipprosegwixxi l-*comunio vitæ* ma' l-attur;

"Minn dan kollu traccjat u dedott ma jistax taht l-ebda aspett jew gustifikazzjoni jinghad illi l-provi jwasslu sal-punt deciziv illi dan iz-zwieg jimmerita li jigi annullat. Xort' ohra dan il-kuntratt, hekk serju, jigi rez insinjifikanti. Ma kienitx ghal kollox zbaljata l-osservazzjoni tal-perit relatrici illi l-fatti kellhom aktar is-sembjanzi relattivi ghal meritu f'kawza ta' separazzjoni milli ghal wahda inerenti ghal kawza ta' annullament ta' zwieg. In bazi ghal provi, il-ligi u d-duttrina fuq enuncjati l-pretensjoni ta' l-attur fuq il-bazi ta' l-Artikolu 119(1)(d) u (f) tidher fil-verità destitwita minn kull fondament;

"Kwantu ghal kawzali fondata fuq il-fatt ta' l-impotenza il-prova tac-certezza dwarha mhux biss ma saritx, talli l-istess provi jeskluduha. Biex tissussisti l-impotenza b'mod assolut jew relattiv, l-att konjugali jew kien ghal kollox mhux possibbli jew mhux possibbli relativament ghal xi persuna partikolari tas-sess oppost (*impotenza coeundi*). Dan ma huwiex il-kaz hawnhekk. L-isterilità ta' l-attur ma tinkwadrax ruhha fl-ipotesi kontemplata fis-subinciz (e). Setghet forsi tigi konsiderata taht is-subinciz (c), dak ralattiv ghall-'qerq', imma dan dejjem jekk jigi pruvat li l-attur kien jaf bil-qaghda tieghu minn qabel iz-zwieg u heba dan il-fatt mill-konvenuta. Dan is-subinciz però ma giex dedott u kien ghal kollox futili ghall-attur li fin-Nota ta' Kritika tieghu ghar-relazzjoni peritali jdahhal elementi konfacjenti ghalih. Dan ghaliex ukoll mhux konsentit lil Qorti li tindaga f'materja li l-parti ma tkunx ressqet ghall-attenzjoni taghha bhala kawzali u raguni guridika ghat-talba taghha."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi imhassra u revokata s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Dicembru,

2002 u illi tintlaqa' t-talba tieghu ghan-nullità taz-zwieg *de quo* u illi jigu respinti l-eccezzjonijiet tal-konvenuta *in toto*, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuta;

Rat ir-risposta tal-konvenuta illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi l-aggravji ta' l-appellant ghandhom ikunu skartati, l-appell michud u s-sentenza konfermata;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju illi avanza l-konvenut kontra s-sentenza appellata huwa ta' indole legali u, fir-rikors ta' appell, huwa espress fit-termini segwenti:
"L-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-appellanti ma lahaqx il-grad ta' prova rikjest mill-Ligi … stante illi l-provi mressqa minnu ma wasslux ghall-'certezza morali'. F'dan il-kuntest, l-appellanti jissottometti bir-rispett illi tali konkluzjoni hija wahda kontradittorja stante li la darba l-Ligi stess tirrikjedi prova fuq bilanc ta' probabilitajiet, l-element ta' certezza u partikolarment ta' certezza morali bhala rekwizit mehtieg *sine qua non* fl-apprezzament tal-provi huwa effettivament eskluz."

Kif qalet tajjeb hafna il-konvenuta appellata fir-risposta taghha ghar-rikors ta' appell, l-ewwel Qorti ma bbazatx il-konkluzjonijiet taghha purament u semplicement fuq il-kuncett ta' "certezza morali" tant illi, fis-segwenti bran tas-sentenza appellata - bran citat fl-imsemmija risposta ta' l-appell - jinghad hekk:
"Jirrizulta mill-iskrutinju minuzzjuz li ghamlet f'dan il-kaz il-perit legali illi l-attur ma lahaqx sufficjentement dak il-grad ta' prova li seta' jinduci fiha dak li fid-duttrina u l-gurisprudenza jinsab deskritt bhala 'certezza morali'. Certezza morali li hi l-effett tal-'*balance of probabilities*'."

Ma hemm ebda dubbju illi minn din is-silta mis-sentenza appellata jirrizulta illi l-mizura illi adottat l-ewwel Qorti waqt l-apprezzament taghha tal-provi prodotti, u illi wasslitha ghall-konkluzjonijiet lamentati mill-appellant, kienet dik guridikament korretta fil-kamp civili tal-*balance of probabilities*;

Huwa evidenti, ghalhekk, illi l-aggravju in ezami tal-konvenut appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami ta' dak kollu illi jinghad fir-rikors ta' appell - u, fil-fatt, jinghad hafna - jirrizulta illi, apparti l-aggravju illi già gie ttrattat, l-attur ghandu aggravju wiehed iehor biss kontra s-sentenza appellata, dak illi l-ewwel Qorti waslet illi tichad it-talba attrici ghaliex ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Infatti, fil-penultimu paragrafu tar-rikors ta' appell gie sottomess dan:
"Ghaldaqstant l-appellanti umilment jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel valutazzjoni debita tal-provi mressqa fil-kors tal-proceduri, b'dan illi effettivament hija strahet fuq il-konkluzjoni tal-Perit Legali li bl-akbar rispett certament illi, ghar-ragunijiet premessi, ma timmeritax konferma."

Illi dina l-Qorti ma ssib xejn hazin fil-fatt illi l-ewwel Qorti abbraccjat il-konkluzjonijiet tal-perit legali. Dak illi huwa importanti huwa illi mis-sentenza appellata johrog car illi l-ewwel Qorti qdiet sewwa l-obbligu taghha illi tezamina tajjeb r-relazzjoni tal-perit legali;

Dan premess, dina l-Qorti, wara illi hija wkoll ezaminat bir-reqqa il-provi prodotti, ir-relazzjonijiet tal-perit legali u tal-perit psikjatra u s-sentenza appellata, issib illi l-apprezzament tal-provi prodotti u ta' l-imsemmija relazzjonijiet, maghmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, huwa ghal kollox korrett;

Ikkunsidrat:

Illi, ghall-kompletezza, tajjeb illi ssir riferenza ghal dak illi ssottometta l-appellant fit-tieni (2) paragrafu ta' dik il-parti tar-rikors ta' appell enumerata "4.":
"… jigi rilevat bir-rispett illi effettivament il-Perit Psikjatra Dottor Joseph L. Pisani, ezamina biss lill-konvenuta b'dan illi ghaldaqstant huwa setgha jibbaza l-konkluzjoni tieghu interament u unikament fuq dak li ntqal mill-konvenuta, filwaqt illi giet skartata ghal kollox kwalunkwe prova li setghat tingieb da parti ta' l-appellanti li effettivament lanqas biss gie ezaminat mill-imsemmi Psikjatra."

F'dan ir-rigward, dina l-Qorti, filwaqt illi tafferma illi ma ssib xejn skorrett jew deficjenti fl-operat tal-perit psikjatara, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:
(i) l-appellant mhux korrett meta jghid illi l-perit psikjatra skarta l-provi prodotti mill-istess appellant. Infatti, fit-tieni (2) paragrafu tar-relazzjoni tieghu, il-perit psikjatra jiddikjara illi huwa ha "konjizzjoni tad-depozizzjonijiet migbura fil-Process";

(ii) in-nomina tal-perit psikjatra ma saritx fuq talba tal-kontendenti izda fuq talba tal-perit legali, maghmula permezz ta' rikors (fol. 66) ipprezentat wara illi kien ghalaq l-istadju tal-gbir tal-provi. F'dan ir-rikors il-perit legali talbet lill-ewwel Qorti sabiex jigi nominat "espert psikjatriku biex jassistiha fl-inkarigu moghti lilha u dana peress illi apprezzament ta' l-<u>stat mentali tal-konvenuta</u> … mhuwiex materja ta' natura legali …" (sottlinear ta' dina l-Qorti). Dina l-Qorti, ghalhekk, ma tistax tifhem kif l-attur qed jippretendi illi l-perit psikjatra kellu jezamina lilu ukoll;

(iii) quddiem l-ewwel Qorti l-attur ipprezenta nota ta' kritika dettaljata ghar-rapport tal-perit legali izda ma ghamel ebda sottomissjoni dwar ir-relazzjoni tal-perit psikjatra;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

U peress li dan l-appell hu wiehed frivolu u vessatorju fis-sens tal-ligi tordna lill-attur appellant ihallas l-ispejjez ghal darbtejn lill-konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------